MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 288/2009

**L-Avukat Dottor Carlo Bisazza fil-kapacita' tieghu ta' mandatarju specjali tal-assenti A B C**

**-vs-**

**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr. Carlo Bisazza fil-kapacita' tieghu ta' mandatarju specjali tal-assenti A B C fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) fir-Registru Pubbliku ta' Malta, gewwa l-Belt Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. 'A';

Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga, ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi oltre dan, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ccelebrat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, gewwa l-Belt Valletta, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza ltaqghu permezz tal-internet. Ir-ragel huwa Malti u l-mara hija mil-Lebanon. Wara xi zmien li kienet ilha ghaddejja l-hbiberija bl-internet, iltaqghu ma' xulxin u laqqghu ukoll il-familji taghhom. Komplew ir-relazzjoni taghhom. Iddecidew li jizzewgu f'Malta u jibqghu jghixu hawn. Issa l-mara kienet issofri minn kundizzjoni medika maghrufa bhala "premature menopause" li kienet irrenditha infertili. Din il-kundizzjoni kienet giet mgharrfa lilha snin qabel. Madanakollu Bha mistura mill-gharus taghha, anke wara li zzewgu. Ir-ragel gie a konjizzjoni taghha wara xi snin meta kien bl-intenzjoni li jkollhom it-tfal. Meta, minhabba l-kundizzjoni tal-mara, ma rnexxielhomx, bdew l-ezamijiet medici li urew dak li fil-fatt il-mara kienet ga taf minn snin qabel. Il-kundizzjoni medika li tbati minnha giet pruvata mill-ezamijiet medici li rizultati taghhom gew esebiti in atti, kif ukoll mix-xhieda viva voce tal-ginekologu Dr. Mark Sant. Il-fatt illi hija kienet hbiet il-kundizzjoni taghha mill-gharus tammettih hija stess u l-istess zewgha ma kkonfronta din ix-xhieda bl-ebda mod, peress illi ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Fil-kuntest ta' qerq, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**" (deciza fit-13 ta' Marzu, 1995), irriteniet illi:

"*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

Fil-kawza "**Marica D'Amato vs Philip D'Amato**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla, Onor. Imhallef Philip Sciberras, fil-31 ta' Jannar 2003), il-Qorti sostniet illi:

"*Meta l-ligi titkellem "dwar xi kwalita' tal-persuna l-ohra" wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita', kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor.*

*Dan dejjem b'referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta' dik il-verita' dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg.*"

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Louis Agius vs Georgia Agius xebba Gauci**" (deciza fid-19 ta' Ottubru, 1988), qalet:

"*Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' "moral substitution" u kif spjegat mill-awturi (ara Wrenn L. "Annulment" pp 82 et seq) din tissussisti "when the quality is (i) an inherent property of the person, and not some isolated past action; (ii) present at the time of the wedding; (iii) grave either objectively or subjectively; (iv) unknown to the other party; (v) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly, the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial.*" "

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li l-fertilita' ta' persuna huwa fattur li essenzjalment ikollu effett sostanzjali fuq il-hajja mizzewga. Ghalkemm galadarba maghrufa minn qabel taf tigi superata minn koppja preparata, konoxxenza ta' infertilita' qabel iz-zwieg liema konoxxenza mbaghad tinzamm mistura mill-parti l-ohra zgur se tipprovoka l-krizi li tirreferi ghaliha l-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq citata.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Settembru 1999 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu minn A B C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------